**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Numru: 293/18 AL

**A B**

Vs

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie preżentat fil-11 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-28 ta' Mejju, 1993.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fit-30 ta' Lulju, 2007, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Debono (Dok. A).

3. Illi għalhekk il-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin legalment separati, u m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi bejn il-kontendenti m’hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.

5. Illi għalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew ħall taż-żwieġ bejniethom.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 t’ April, 2007.

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirreġistra d-divorzju u/jew il-ħall taż-żwieġ fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Gunju, 2018;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-30 ta' Lulju, 2007 ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;